# QORTI ĊIVILI - PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tlieta (3) ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru 10/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**Daniel Muka (Detentur tal-Passaport Albaniż BD8707291)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**
**U**
**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 10 ta' Jannar 2023, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

*Illi nhar is-27 ta' Awwissu, 2020, l-esponenti tressaq taħt arrest quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex iwieġeb għal diversi akkużi;*

*Fost id-diversi akkużi illi l-Prosekuzzjoni għoġobha tixli lir-rikorrenti bihom, il-Prosekuzzjoni xliet lill-esponenti bl-omiċidju ta' Christian Pandolfino u Ivor Piotr Maciejowski, liema omiċidju seħħ nhar it-18 ta' Awwissu, 2020;*

*Illi tali proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Qorti Kriminali fl-ismijiet 'The Republic of Malta vs Daniel Muka' liema Qorti qiegħda tiġi ppreseduta mill-Onor. Imhallef A. Bugeja;*

*Illi attwalment il-proċeduri waslu fi stadju ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari mqajjma mir-rikorrenti;*

*Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, kemm quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali, l-esponenti ppreżenta diversi rikorsi li permezz tagħhom huwa talab illi jingħata l-ħelsien mill-arrest madanakollu r-rikorrenti għadu ma bediex jibbenefika minn dan il-ħelsien mill-arrest stante li d-diversi talbiet illi huwa għamel, kollha ġew miċħuda għal raġunijiet diversi b'enfasi fuq in-nuqqas ta' rabtiet illi huwa għandu ma' Malta u l-allegata konsegwenzjali biża' ta' ħarba;*

*Illi konsegwentament wara aktar minn sentejn u nofs, kemm mill-kummissjoni ta' dawn l-omiċidji kif ukoll minn meta r-rikorrenti tressaq taħt arrest quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, l-esponenti għadu qiegħed jinżamm taħt arrest preventiv.*

**A. <u>Dwar il-Ħelsien mill-Arrest (Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem)</u>**

*Jibda' biex jingħad illi kemm l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma jistgħux jiġu kkunsidrati in vacuum iżda għandhom jinqraw u jiġu interpretati fid-dawl tal-Kodiċi Kriminali, senjatament fid-dawl tal-artikolu 575 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-artikolu 575 tal-Kap 9 jipprovdi illi:*

> *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 574(2), fil-każ ta' –*
>
> *(i) imputat ta' delitt kontra s-sigurtà tal-Gvern, jew*
>
> *(ii) imputat ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija għal għomru, il-qorti tista' tagħti ħelsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, anteċedenti, assoċjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunità tal-imputat, kif ukoll kull ħaġa oħra li tkun tidher li hi rilevanti, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-imputat jekk jiġi meħlus mill-arrest:*
>
> *(a) jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew*
>
> *(b) jinħeba jew jitlaq minn Malta; jew*
>
> *(ċ) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet tagħha li bih jingħata l-ħelsien; jew*
>
> *(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra; jew*
>
> *(e) jikkommetti xi reat ieħor"*

*Illi huwa a bażi ta' dawn il-biżgħat illi, l-Qorti, tkun ta' liema kompetenza tkun, tista' tiċħad talba għall-ħelsien mill-arrest.*

***A.1 Dwar il-biża' tal-ħarba u l-'electronic tagging'***

*Jibda' primarjament relevat illi attwalment, stante n-nuqqas tal-leġiżlatur illi jimplimenta l-kunċett tal-'electronic tagging' u l-ħelsien mill-arrest, il-ġudikant illi għandu jiddeċiedi fuq jekk persuna akkużata illi tidher quddiemha għandhiex tingħata l-ħelsien mill-arrest pendenti l-proċeduri u/jew jekk tingħata l-ħelsien mill-arrest liema huma dawk il-kundizzjonijiet illi għandhom jiġu mposti ai fini ta' kontroll, ma jistax jimponi l-electronic monitoring tal-istess akkużat;*

*Għal dan in-nuqqas min-naħa tal-Istat, ma qiegħed ibati ħadd ħlief dak l-akkużat illi huwa d-dritt fundamentali tiegħu illi pendenti l-proċeduri kriminali huwa jiġi rilaxxat mill-arrest, iżda stante illi r-rabtiet tiegħu ma' Malta huma limitati senjatament għax huwa ta' nazzjonalita' barranija, huwa ma jistax' jibda jibbenefika minn dan id-dritt.*

*Il-kunċett tal-electronic monitoring ai fini ta' ħelsien mill-arrest ilu sa mis-snin 90 illi ġie implimentat u mħaddem mill-awtoritajjiet ġudizzjarji Ewropej. Sa mill-implimentazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu sal-ġurnata tal-lum, it-teknoloġija għamlet passi ta' ġgant u tali mekkaniżmu baqa' jiżviluppa id f'id mat-teknoloġija kif ukoll mad-drittijiet tal-akkużat kif ukoll dawk tas-soċjeta' in ġenerali.*

*Tenut kont tas-suespost, ir-rikorrenti jagħmel referenza għar-rakkomandazzjoni Rec(2000)22 tal-Kumitat tal-Ministri fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa, liema rakkomandazzjoni ġiet addottata nhar id-29 ta' Novembru, 2000, fejn permezz tagħha saret referenza għall-kunċett tal-'electronic monitoring'. Senjatament referenza qiegħda ssir għall-appendiċi 2 tal-imsemmija rakkomandazzjoni:*

> *"1. Provision should be made for a sufficient number of suitably varied community sanctions and measures of which the following are examples:*
>
> *- Alternatives to pre-trial detention such as requiring a suspected offender to reside at a specified residence, to be supervised and assisted by an agency specified by a judicial authority;*
>
> *…*
>
> *Restriction of the freedom of movement by means of for example curfew orders or electronic monitoring imposed with observance of Rules 23 and 55 of the European Rules."*

*Ta' importanza assoluta għall-mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali huwa d-dokument intitolat 'Draft Commentary to Recommendation on electronic monitoring' imħejji mill-European Committee on Crime Problems - Council for Penological Cooperation' u datat nhar is-26 ta' Marzu, 2013 fejn ġew ampjament spjegati l-benefiċċji tal-istess 'electronic monitoring':*

> *"Electronic monitoring has been used in Europe since the 1990ties and continues to expand. It is predominantly been used to enforce curfews and home detention but newer technologies are emerging (e.g. GPS) which can monitor the behaviour and movements of suspects and offenders as well as can help create and monitor exclusion zones. Different countries have developed their own legislation and policy on electronic monitoring and the CEP has sustained a significant dialogue about EM with European probation services promoting the development of European rules in this area."*

*Il-kunċett tal-'electronic monitoring' u l-garanziji kollha flimkien mal-benefiċċji illi tali mekkaniżmu jġib miegħu mhumiex imwaħħdin biss mal-prinċipju tal-ħelsien mill-arrest u li tali ħelsien huwa r-regola u mhux l-eċċezzjoni iżda jorbot wkoll ma' diversi proċessi relatati mal-azzjoni kriminali.*

*Fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrenti jagħmel referenza għal għad-dokument intitolat 'PC-OC Guidelines on the provision of information regarding the detention or other measures of restriction imposed in extradition proceedings' maħruġ mill-European Committee on Crime Problems – Committee of experts on the operation of European Conventions on co-operation in Criminal Matters maħruġ nhar il-15 ta' Novembru, 2018.*

*Referenza qiegħda ssir għad-dokument supra riferit fejn ġie mtenni illi:*

> *"Consequently, the use of alternatives to detention is becoming increasingly important. The Committee agreed that a combination of measures of restriction is probably the most efficient way to avoid escape. Such measures may include, among others: bail, house arrest, electronic monitoring, travel ban, handing over of the passport and the obligation to report regularly to law enforcement authorities."*

*F'dan ir-rigward għandu jiġi rrimarkat illi aktar minn għaxar snin ilu, il-Leġiżlatur kien ġia beda' jiddiskuti l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni tal-'electronic tagging' iżda għal xi raġuni jew oħra, tali implimentazzjoni baqgħet fuq l-ixkaffa u sa għaxar snin wara id-drittijiet ta' dawk akkużati b'reati kriminali għadhom qegħdin jiġu leżi.*

*Referenza qiegħda ssir għas-sessjoni plenarja tal-parlament Malti ta' nhar it-12 ta' Ġunju, 2012 fejn l-Onor. Dr Franco Debono, matul id-diskors tiegħu, sostna illi:*

> *"Imbagħad għandek l-artikolu 574 li jittratta l-bqija tar-reati li jgħid li persuna għandha tingħata l-bail jekk kemm-il darba tagħti garanzija li tidher dakinhar tal-proċess. Sfortunatament, il-qrati tagħna qed jagħmlu żball, u qed japplikaw l-artikolu 575 għar-reati kollha! Dan huwa żball għax il-qrati ma jilleġiżlawx imma jinterpretaw il-liġi. Qed nitkellem fuq il-bail. Sfortunament f'pajjiżna, kuntrarjament għal pajjiżi oħra, m'għandniex l-electronic tagging, allura persuni ġieli qed ikollhom jinżammu l-ħabs, meta kieku għandek l-electronic tagging persuna tista' tgawdi. Il-libertà filwaqt li l-istat ikun jista' jaffettwa s-sorveljanza li għandu jaffettwa sabiex joħloq dak il-bilanċ xieraq u neċessarju bejn l-interessi tal-akkużat u l-interessi tas-soċjetà inġenerali. Ċertament għandu jsir intervent leġiżlattiv f'artikoli 574 u 575 sabiex jibdel il-liġi."*

*Illi l-esponenti bir-rispett jikkontendi illi għan-nuqqas tal-istat illi jimplimenta l-'electronic tagging' mgħandux ibati hu, dan ir-raġunament huwa rifless f'dak ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali f'diversi sentenzi minn tagħha, inter alia fil-kawża* ***'Anton Camilleri vs L-Avukat Generali'*** *deċiża nhar l-1 ta' Frar, 2016 fejn ġie mgħallem illi ċ-ċittadin m'għandux jitgħabba b'nuqqasijiet li hu m'għandux ħtija għalihom.*

*Illi għalkemm il-Qorti Kostituzzjonali tgħallem illi ċ-ċittadin ma għandu qatt ibati minn nuqqas tal-istat, id-digrieti taċ-ċaħda għad-diversi talbiet illi għamel r-rikorrenti sabiex ikun jista' jinħeles mill-arrest pendenti tali proċeduri juru illi effettivament, stante tali nuqqas, id-drittijiet fundamentali tiegħu qegħdin jiġu mittiefsa.*

*Fil-fatt referenza qiegħda ssir għad-digriet tal-Qorti Kriminali ppreseduta mill-Onor. Imħallef A. Bugeja fil-kawża kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, liema digriet huwa datat 14 ta' Ġunju, 2022 minn fejn jirriżulta illi l-biża' prinċipali illi kienet rinfaċċjata l-Onorabbli Qorti Kriminali kienet il-biża' illi l-esponenti jabskondi u/jew jinħeba u konsegwentament ma jkunx jista' jitkomplu l-proċess ġudizzjarju. Il-parti relevanti mill-imsemmi digriet qiegħda tiġi hawn ċitata:*

> *"The fear of absconding or leaving Malta. This is the major concern expressed by the Attorney General. Whereas Defence Counsel minimize this fear claiming that the applicant had ample ties with these Islands. In this particular context, the eventual maximum punishment that may be meted out against the applicant in case of conviction becomes a very relevant and important consideration. As mentioned in paragraph (a) the eventual heavy punishment that may be awarded against the applicant on its own is not sufficient justification for continued pre-trial detention based on the risk of flight or absconding or hiding, at least after some time.*
>
> *This consideration must be read also in the light of the small size of the Maltese territory and of its insularity where, given that*

> *there is little room where to hide, an accused person facing a life sentence would be more incentivised to abscond or leave Malta for good, given the chance. Furthermore, if the accused absconds or leaves this jurisdiction, under Maltese Law there is no possibility for the criminal proceedings to take place or continue in his absence. Therefore, once that an accused person absconds or leaves Malta criminal proceedings against him become paralysed. This too is a factor to be taken into consideration when a Court assesses the risk of an applicant absconding or leaving Malta.*
>
> *While this Court is fully aware of case law criticising this jurisdiction due to fact that thanks to its small insular size it should be in a better position to guard its borders, coupled with the fact that entry and exit in and from Malta can only be done by air or sea, on the other hand, and precisely because of these means of entry and exit, whoever is ill-intentioned enough to want to escape from these islands knows that he can do so illegally and clandestinely by eluding border controls and adopting other channels and modes of transport apart from the ordinary and legitimate ones. Of course, this is not only confined to Malta as people escape from countries much larger and opulent and who hail state of the art border control personnel and equipment."*

*Erba' xhur mid-data taċ-ċaħda hawn ċitata, ir-rikorrenti, għal darba oħra, talab il-ħelsien mill-arrest, madanakollu għall-istess raġunijiet mogħtija fid-digriet preċedenti, it-talba tar-rikorrenti reġgħet ġiet miċħuda.*

*Fil-fatt fid-digriet tagħha ta' nhar it-18 ta' Ottubru, 20222, l-Onorabbli Qorti Kriminali rriteniet illi:*

> *That since its decree of the 14th June 2022, the change in the circumstances of the case registered thus far were the lapse of another three months, the fact that the applicant proposed a surety and that judgment on the preliminary pleas raised by the accused was due to be delivered today. Yet after taking into consideration all the circumstances of this case as well as the concerns expressed by this Court in its said decree of the 14th, June 2022, it is not satisfied that should bail be granted to the accused, he will :*
>
> *(a) strictly adhere to bail conditions;*
> *(b) appear whenever ordered by any Court;*
> *(c) not abscond or leave Malta, even by irregular means of transport;*
> *(d) or not commit any other criminal offence.*

*Dwar din il-kwistjoni tal-'electronic tagging' u kif l-imputat m'għandux ibati għan-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' din il-miżura, l-esponenti jagħmel referenza għal digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali ppreseduta mill-Onor.*

*Imhallef C. Scerri Herrera fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija vs Mustafa Abu Seadah'*** *ta' nhar l-1 ta' Awwissu, 2018 fejn il-Qorti rriteniet illi:*

> *"Illi li kieku tali sistema teżisti fil-pajjiż nostran l-istat ikun f'posizzjoni aħjar li jimmonitorja lil n-nies akkużati b'reati kriminali u li ġew mogħtija l-ħelsien mil-arrest pendenti l-proċeduri tagħhom. Dan il-mekkaniżmu jilħaq żewġ għanijiet, waħda li s-soċjetá tkun aktar protetta għaliex b'hekk l-akkużati li jkunu qed jgawdu l-ħelsien mill-arrest ikunu monitored il-ħin kollu u fl-istess ħin l-akkużati jkunu jistgħu jingħataw il-liberta' proviżorja b'kundizzjonijiet inqas feliċi u onerużi. Dan id-'device' ikun speċi ta' 'remote control' fuq persuna forma ta' 'telematics[1] monitoring'.*

*Il-Qorti tagħmel referenza għad-definizzjoni li saret minn Renzma M. & May E. fil-ktieb tiegħu 'Can electronic monitoring reduce crime for moderate to high risk offenders'[2] fejn ingħad is-segwenti:-*

> *"…any technology that records the location of an offender within the community at particular places and times without human observation and transmits these data electronically to a central monitoring station, or uses an electronic device to detect the presence of a prohibited substance in the body (or to monitor other physiological functions) of an offender living in the community and transmits those data to a central location."*

*F'dan ir-rigward ħarsa lejn l-kummentarju fuq it-"Tokyo Rules - United Nations Standard Minimum rules for non-custodial measures[3]" dwar min għandu jħares u jsegwi l-kundizzjonijiet li jiġu mposti fuq akkużat jingħad li;-*

> *"Whichever authority decides on the conditions to be observed by the offender, it should base its decisions on achieving a balance between satisfying the needs of society, the needs and rights of the offender and the needs of the victim. The implementing authority should never impose conditions that subject the offender to requirements going beyond those resulting from the decision of the judicial authority."*

*Dan l-istess insenjament reġgħet sussegwentament għamlitu l-istess Qorti ppreseduta mill-Onor. Imhallef A. Bugeja fejn ġie retenut permezz ta' digriet ta' nhar it-30 ta' Awwissu, 2021 fil-kawża fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija vs Jordan Azzopardi'*** *li sistema ta' 'electronic tagging' f'każijiet fejn persuna huwa eliġibbli għall-ħelsien mill-arrest, hija sistema aktar serja, effettiva u effikaċi minn dik addottata preżentament fejn l-imputat huwa obbligat jiffirma ġewwa għassa tal-Pulizija.*

*Tali insistenza minn naħa tal-ġudikatura stess a favur l-introduzzjoni tal-'electronic monitoring' ai fini ta' bail jemerġi minn diversi digrieti oħra,*

[1] Skond id-dizzjonarju Oxford telematics huwa "the branch of information technology which deals with the long distance transmission of computerised information."
[2] 2005. M&M May E Renzema
[3] The Tokyo rules 24

*fosthom fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Onor. Imħallef C. Scerri Herrera fil-konfront ta' Clayton McKay fejn l-Onorabbli Qorti Kriminali talbet sabiex tali miżura tiġi introdotta sabiex il-ġudikant ikun f'posizzjoni illi jimponi tali kundizzjoni bħala parti mill-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest. L-Imħallef Scerri Herrera saħqet illi kieku sistema bħal din teżisti hawn Malta, l-istat ikun f'posizzjoni aħjar sabiex jikkontrolla dawk l-imputati illi jkunu ngħataw il-ħelsien mill-arrest. L-Imħallef Scerri Herrera rriteniet illi minkejja illi tali lmenti kienu ġia saru fil-parlament għaxar snin qabel, sal-lum il-ġurnata ma kien hemm l-ebda żvilupp f'dan ir-rigward.*

*Tali raġunament sar għal darba oħra permezz ta' digriet mogħti fil-kawża fl-ismijiet* ***<u>'Il-Pulizija vs Terence Cini et.'</u>*** *Fl-imsemmi digriet, il-Qorti saħqet illi l-mekkaniżmu ta' 'electronic monitoring' jilħaq il-bilanċ bejn id-drittijiet tas-soċjeta' u dawk tal-akkużat li jinħeles mill-arrest. Il-Qorti marret pass oltre u rriteniet illi l-introduzzjoni ta' dan il-mekkaniżmu mhux biss jgħin lill-awtoritajiet ikollhom iktar kontroll fuq il-movimenti tal-imputat iżda għad-dirittura jservi ta' deterrent sabiex persuni illi jkunu qegħdin igawdu l-ħelsien mill-arrest ma jikkommettux reat ieħor sakemm il-każ tagħhom ikun ġie definittivament deċiż.*

*Dan l-istess insenjament huwa rifless f'digriet ieħor tal-ħelsien mill-arrest, ossia dak ta' Dean Donovan Frendo mogħti mill-Qorti Kriminali f'Settembru li għadda wara li l-imputat ġie akkużat bl-omiċidju involontarju ta' Antoine Degabriele.*

*Konsegwentament dan waħdu juri illi sakemm l-istat jipprovdu għal mekkaniżmu fejn permezz tiegħu l-awtoritajiet ikollhom iktar kontroll fuq il-persuna akkużata illi tinħeles mill-arrest pendenti l-proċeduri u l-ġudikant ikollu iktar serħan il-moħħ, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ser jibqgħu jiġu hekk vjolati.*

***A.2 Dwar Garanziji illi offra r-rikorrenti***

*Illi huwa fatt illi r-rikorrenti mhux ta' nazzjonalita' Maltija, madanakollu dan ma jfissirx illi għax persuna mhux ta' nazzjonalita' Maltija, ma jkunx jista' jibbenefika minn ħelsien mill-arrest u dana stante li r-rabtiet tiegħu ma' Malta jkunu limitati.*

*F'dan ir-rigward, referenza qiegħda ssir għal sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***<u>'Jovica Kolakovic vs Avukat Ġenerali'</u>*** *deċiża nhar l-14 ta' Frar, 2011 fejn ġie retenut illi:*

> *"As regards measures that can be adopted by local authorities, in the eventuality that bail be accorded to appellant, this Court is once again in full agreement with the first Court wherein it held that,*
>
> *"At this juncture this Court, whilst not oblivious to the reality emerging in some spectacular cases in the past, feels that it ought to subscribe to the view held recently by the Strasbourg Court to*

> *the effect that it is hard to conceive that in a small island like Malta, where escape by sea without endangering one's life is unlikely and fleeing by air is subject to strict control, the authorities could not have at their disposal measures other than the applicant's protracted detention."*
>
> *(vide Louled Massoud v. Malta, ECHR 27th July 2010).* ***Nor should the authorities' inability to adequately monitor movements into and out of Malta be shifted as a burden of denial of release from detention on a person accused of an offence, particularly if such a person is of foreign nationality.***
>
> *(Underlined emphasis by this Court).*
>
> *19. For the above-mentioned reasons, as well as taking also into account that since judgment under appeal was delivered until today, a number of months have gone by and appellant was still, until very recently, being detained by the police. Considering, moreover, that it does not seem likely that any substantial changes to this status quo is envisaged, save for a possible lease agreement to be concluded on appellant's part conferring a local place of abode to him, should bail be granted, and that no other developments are envisaged from respondent's present position, it would therefore appear that more months of detention would have inevitably gone by, thereby aggravating further appellant's position. This Court is therefore of the opinion that there is now sufficient and reasonable cause to depart from the previous position held by the Court of First Instance and hold that the continued detention of appellant and the Magistrates' Court's previous refusal from bail indeed constitutes a breach of his fundamental rights as proclaimed and safeguarded under Article 5(3) of the Convention.*
>
> *This Court thus holds that the first aggravation lodged by appellant on the basis of Article 5(3) of the Convention is justified and is being upheld."*

*Dan kollu għandu jinqara fid-dawl tal-fatt illi r-rikorrenti pprovda s-segwenti garanziji sabiex juri r-rabtiet tiegħu ma' Malta:*

1. *Irnexxielu jipprova illi ħuh jirresjedi hawn Malta u ilu hekk jirresjedi għal diversi snin;*

2. *Kemm il-darba huwa jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest huwa sab residenza fissa fejn huwa jkun jista' jirresjedi u għal dan il-għan xehdet is-Sinjura Vincenza Borg fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Ġunju, 2022;*

3. *Kemm il-darba huwa jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest huwa sab anke impjieg fiss ġewwa Malta u għal dan il-għan xehed is-Sur Maximilian Solz fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Ġunju, 2022;*

4. *Ir-rikorrenti ppreżenta wkoll terz garanti illi lest jagħmel tajjeb kemm il-darba r-rikorrenti jingħata l-ħelsien mill-arrest, għal dan il-għan xehed is-Sur Branko Cilev fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Ottubru, 2022.*

*Dawn huma l-garanziji kollha illi r-rikorrenti bil-limitazzjonijiet kollha tiegħu, u dana qiegħed jingħad biss stante li r-rikorrenti kien, għadu u sejjer jibqa' ta' nazzjonalita' Albaniża, jista' jipprovdi.*

*Il-fatt illi tali garanziji xorta waħda mhumiex biżżejjed, ġialadarba l-istat qiegħed jonqos milli jipprovdi għall-'electronic monitoring', ir-rikorrenti ma għandux jibqa' jbati bid-drittijiet tiegħu vjolati fil-waqt li jinżamm arrestat.*

*Għaldaqstant fl-umli fehma tar-rikorrenti, tenut kont tal-fatt illi fil-każ odjern ma teżisti l-ebda biża' illi tipprekludih milli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest, pprovda l-garanziji kollha neċessarji sabiex huwa jkun jista' jibda jibbenefika minn tali ħelsien fil-waqt li l-Istat naqas milli jipprovdi għall-mekkaniżmu ta' 'electronic monitoring'. il-fatt illi huwa għadu qiegħed jiġi mċaħħad mill-ħelsien mill-arrest qiegħed jiksirlu d-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif salvagwardjati taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

***<u>Konklużjoni</u>***

*Fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jisħaq li huwa ampjament ċar li ġew u għadhom qegħdin jiġu leżi l-imsemmija drittijiet fondamentali tiegħu. Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara l-aġir tal-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom; u*

2. *Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa skond il-liġi u ċirkostanzi tal-każ.*

2. Rat illi b'digriet tal-20 ta' Jannar 2023, il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-24 ta' Frar 2023 filwaqt illi akkordat għoxrin jum lill-intimati sabiex jirrispondu.

3. Rat illi fid-9 ta' Frar 2023, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

   1. *Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jallega li n-nuqqas ta' sistema ta' electronic tagging u materji oħra wasslu għal ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal-libertà kif sanċit mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   2. *Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin.*

3. *Illi preliminarjament, l-Avukat Ġenerali m'hijiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u dan skont l-*Artikolu 181B *tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, hi għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

4. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suesport, jibda billi jingħad li l-iskop fundamentali kemm tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni huwa sabiex jipproteġu kontra d-detenzjoni arbitrarja.*

   *In kwantu għall-Artikolu 5, detenzjoni ma tkunx waħda arbitrarja jekk tkun skond il-Liġi u konsistenti mal-għan tal-istess artikolu. Id-dritt għal-libertà mhuwiex wieħed assolut u l-Artikolu 5 għandu lista eżawrjenti ta' raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-libertà tal-persuna. Waħda mir-raġunijiet li skond l-Artikolu 5(1) tiġġustifika l-privazzjoni mil-libertà hi dik maħsuba fil-paragrafu (ċ), u ċioè meta l-arrest jew detenzjoni tkun skond il-Liġi u effetwata sabiex il-persuna tiġi miġjuba quddiem awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li dik il-persuna tkun ikkommettiet reat, jew meta jkun meqjus raġjonevolment meħtieġ sabiex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat.*

   *B'mod simili, l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jistipula li ħadd ma għandu jkun privjat mil-libertà tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi f'ċirkostanzi speċifiċi. Fis-subinċiż 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni, arrest prevvist mil-liġi huwa possibbli fuq suspett raġonevoli li persuna tkun ikkommettiet jew ser tikkommetti reat.*

   ***Ir-rikorrent mhuwiex qiegħed jallega li l-arrest tiegħu ma sarx skont il-Liġi u skont il-proċedura preskritta mil-Liġi****.*

5. *Illi r-rikorrent sejjes il-lanjanza tiegħu fuq żewġ binarji:*

   a. *li l-Istat huwa obbligat jintroduċi sistema ta' electronic tagging u dan in-nuqqas jissarraf fi ksur tad-drittijiet fundamentali surreferiti; u*

   b. *li meta wieħed iqis il-garanziji li hu offra favur l-għoti tal-ħelsien mill-arrest, partikolarment meta dawn huma magħduda mal-premess, il-fatt li ma ngħatax il-ħelsien mill-arrest wassal għal ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal-libertà.*

6. *Illi qabel ma jiġu indirizzati dawn iż-żewġ binarji, għandu jingħad li r-rikorrent qiegħed jipprova jissimplifika s-sitwazzjoni u jagħti l-impressjoni li electronic tagging hi l-panacea li ssolvi kull domanda dwar jekk persuna miżmuma taħt arrest preventiv għandiex tingħata l-ħelsien mill-arrest jew le. Ulterjorment, ir-rikorrent qiegħed jipprova jagħti l-impressjoni qarrieqa li hija biss il-biża' li jaħrab mill-pajjiż li qed iżżomm lill-Qorti Kriminali milli tagħtih il-ħelsien mill-arrest.*

7. *Illi kuntrarjament għal dawn l-impressjonijiet li qed jittenta jagħti r-rikorrent, għandu jingħad li ċ-ċaħdiet ripetuti għat-talbiet għall-ħelsien mill-arrest tiegħu dejjem kienu studjati u ben motivati. Kruċjalment, **qatt ma kienu bbażati fuq fattur uniku, anzi dejjem kien hemm multipliċità ta' fatturi** li ġew ċitati bħala raġunijiet kontra l-għoti tal-ħelsien mill-arrest.*

8. *Illi dan il-kuntest sħiħ huwa importanti: f'Ottubru, 2017 ir-rikorrent kien allegatament involut f'hold-up vjolenti f'stabbiliment ta' Diamonds*

*International f'Tigné. Hu kien mixli b'diversi akkużi relatati ma' din is-serqa. Eventwalment fl-24 ta' Lulju, 2019 ingħata l-ħelsien mill-arrest wara t-trapass ta' għoxrin xahar fil-kumpilazzjoni tal-provi u dan skont l-Artikolu 575(6) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Bħala stat ta' fatt, ir-rikorrent kien rilaxxat mill-arrest fit-28 ta' Awwissu, 2019 wara li tħallas id-depożitu ordnat fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest.* ***Inqas minn sena wara li nħeles, fit-18 ta' Awwissu, 2020, ir-rikorrent kien allegatament involut fil-qtil doppju ta' Christian Pandolfino u Ivor Piotr Maciejowski****.*

9. *Illi l-oġġezzjonijiet min-naħa tal-Avukat Ġenerali, kif ukoll iċ-ċaħdiet ripetuti mill-Qorti Kriminali, qatt ma kienu sempliċiment fuq il-biża' li r-rikorrent jaħrab mill-pajjiż iżda minħabba l-kwistjonijiet kollha ravviżati fl-Artikolu 575 tal-Kap. 9 fosthom:* ***is-serjetà tal-akkużi li jġorru piena ta' għomor il-ħabs, in-nuqqas ta' rabtiet tar-rikorrent mal-pajjiż, il-karattru, l-anteċedenti u l-assoċjazzjonijiet tiegħu, li ma josservax il-kundizzjonijiet imposti fuqu, li b'xi mod jew ieħor jintralċja l-kors tal-ġustizzja u, il-biża' li jikkommetti xi reat ieħor****. Dawn huma lkoll biżgħat fondati, partikolarment tal-aħħar fejn wara l-ewwel sett ta' akkużi relatati ma' hold-up vjolenti, ir-rikorrent, flimkien ma' persuni kompliċi miegħu, allegatament "iggradwa" għal qtil doppju f'inqas minn sena wara li ngħata l-ħelsien mill-arrest. Għalhekk, filwaqt li r-rikorrent kien u jibqa' preżunt innoċenti, min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali u l-Qorti Kriminali ġustament dejjem qiesu li l-ħelsien mill-arrest mhuwiex fl-interess tas-soċjetà jew tal-ġustizzja.*

10. *Illi huwa f'dan l-isfond li jridu jitqiesu flimkien iż-żewġ argumenti mressqa mir-rikorrent. Mingħajr tlaqlieq, huwa evidenti li r-rikorrent qiegħed jittenta jottjeni l-ħelsien mill-arrest minn din l-Onorabbli Qorti billi* ***jlibbes argumenti ordinarjament magħmula f'rikors għall-ħelsien mill-arrest b'ħwejjeġ kostituzzjonali****. Mhuwiex l-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti li tużurpa l-funzjonijiet tal-Qorti Kriminali liema qorti hi f'pożizzjoni ferm aħjar tiddetermina hi jekk ir-rikorrent għandux jingħata l-ħelsien mill-arrest.* ***Lanqas ma hu l-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti li sservi bħala forma ta' qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qorti Kriminali****. Għalhekk, dak kollu imqajjem fit-tieni argument tiegħu fir-rikors promotur huwa rrelevanti. Il-ħelsien mill-arrest mhuwiex eżerċizzju sempliċi ta' box-ticking; iridu jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ biex jiġi determinat jekk il-ħelsien għandux jingħata, u jista' jiġi miċħud anke jekk jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li r-rikorrent indika fir-rikors promotur.*

11. *Illi in kwantu għall-electronic tagging, din hi sempliċiment għodda li, fl-aħjar ipoteżi tindirizza –* ***mhux telimina*** *– ċerti biżgħat li jista' jkun hemm fuq persuna arrestata. Waħedha m'hijiex soluzzjoni, u anke kieku kellha tiġi implimentata, ma ssolvix kwistjonijiet oħra li jiġu kkunsidrati fil-ħelsien mill-arrest.*

*Fit-tieni nett, ir-rikorrent ma għandu ebda dritt fundamentali li tiġi implimentata sistema ta' electronic tagging, u mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qatt ma kien hemm pronunzjament li b'xi mod jew ieħor timplika li Stati Membri tal-Konvenzjoni għandhom positive obligation li joħolqu kull tip ta' sistema possibbli biex tiffaċilita l-ħelsien mill-arrest.*

*L-Istat Malti ma lleġislax u ma ħassx il-ħtieġa li jieħu dan il-pass, u r-rikorrent ma għandu ebda jedd li jiddetta x'liġijiet u x'materji għandhom jiġu implimentati għall-kumdità tiegħu u taħt il-pretest li qed jiġu miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu. B'rabta ma' dan il-punt, l-argument tar-rikorrent*

*li "ċittadin m'għandux jitgħabba b'nuqqasijiet li hu m'għandux ħtija għalihom" hi miżinterpretazzjoni grassa ta' dak mistqarr mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta' Anton Camilleri vs. L-Avukat Ġenerali*[4] *u dan peress li f'dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali sempliċiment kienet qed tgħid li r-rikorrent f'dik il-kawża ma kienx responsabbli għal dewmien fil-kawża tiegħu mhux ikkaġunat minnu.*

12. *Illi finalment, għandu jingħad li l-materja ta' electronic tagging diġà ġiet eżaminata fil-każ ta' Alfred Degiorgio et vs. L-Avukat tal-Istat.*[5] *Kemm fl-ewwel istanza kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, dan l-argument ġie miċħud, bil-Qorti Kostituzzjonali tosserva:*

> *"22. Il-kwistjoni dwar il-possibiltà li jsir electronic tagging tal-appellanti f'dan l-istadju hi irrilevanti, għaliex s'issa għad m'hemmx il-kundizzjonijiet sabiex l-appellanti jingħataw il-ħelsien mill-arrest.* ***L-electronic tagging iservi sabiex l-iktar jiġi żgurat li l-akkużat jattendi għas-seduti****. Mill-aħħar digrieti li ngħataw mill-Qorti Kriminali u li bihom ġew miċħuda t-talbiet għall-ħelsien mill-arrest, ma jidhirx li l-biża' hi l-appellanti jaħarbu minn Malta iżda pjuttost li l-appellanti jfixklu l-andament tal-investigazzjoni li għadha għaddejja.* ***Aġir li jista' jseħħ irrispettivament jekk l-akkużat ikunx liebes electronic tagging****." [Enfasi miżjud]*

*Dan l-insenjament ċertament japplika fil-każ odjern fejn minħabba multipliċità ta' fatturi li electronic tagging ma tistax issolvi, il-Qorti Kriminali ripetutament ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent għall-ħelsien mill-arrest. Ċertament li ċ-ċaħda tal-ħelsien mill-arrest m'hijiex limitata għall-biża tal-ħarba minn Malta tal-akkużat iżda hija bażata fuq il-fatturi kollha u l-kunsiderazzjonijiet elenkati mill-Qorti Kriminali fid-digrieti studjati tagħha.*

13. *Illi magħdud dan kollu għalhekk, ċertament ma seħħ ebda ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.*

14. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti* ***tiċħad*** *it-talbiet rikorrenti.*

## Provi

4. Rat illi fl-24 ta' Frar 2023, il-konsulenti legali tar-rikorrenti talbu żmien sabiex ikunu jistgħu jipproduċu kopji ta' digrieti u atti oħra mill-Qorti Kriminali.

5. Rat illi fis-17 ta' April 2023, wara taħrika ta' xhieda maħruġa fit-12 ta' April 2023, il-Qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex jippreżenta, permezz ta' nota, id-dokumentazzjoni minnu rikjesta sas-seduta li jmiss.

6. Rat illi fil-15 ta' Mejju 2023, minkejja tali digriet, l-atti ma ġewx ippreżentati mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali.

7. Rat illi fil-15 ta' Mejju 2023, il-partijiet ddikjaraw illi apparti dokumentazzjoni tal-proċeduri kriminali, huma ma jkollhom ebda provi x'jippreżentaw.

[4] Anton Camilleri vs. L-Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2016.
[5] Alfred Degiorgio et vs. L-Avukat tal-Istat, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 23 ta' Marzu, 2021. Sussegwentement deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru, 2021.

8. Rat illi fit-8 ta' Ġunju 2023, l-intimati ppreżentaw rikors fejn indikaw aktar dokumentazzjoni illi kien jeħtieġilhom li jiġu ppreżentati, fejn fil-21 ta' Ġunju 2023, il-Qorti ordnat lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kirminali sabiex jeżebihom ukoll.

9. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2023, ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ippreżenta d-dokumentazzjoni rikjesta mir-rikorrent permezz tat-taħrika tat-12 ta' April 2023. (fol 34 sa 72)

10. Rat illi fil-11 ta' Lulju 2023, ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ippreżenta d-dokumentazzjoni rikjesta mill-intimati permezz tar-rikors datat 8 ta' Ġunju 2023.

11. Rat illi fil-11 ta' Lulju 2023, il-partijiet lkoll dikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw u għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sentenza bil-fakolta' tan-noti.

12. Rat illi fil-11 ta' Awissu 2023, daħlu s-sottomissjonijiet tar-rikorrent Daniel Muka.

13. Rat illi fit-12 ta' Settembru 2023, daħlu s-sottomissjonijiet ta' l-intimati Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali.

**Fatti**

14. Jirriżulta illi r-rikorrent preżentement jinstab akkużat bl-omiċidju ta' Christian Pandolfino u Ivor Piotr Maciejowski ġewwa r-residenza tagħhom illi seħħ fit-18 ta' Awwisu 2020.

15. Jirriżulta illi tali akkadut seħħ waqt illi huwa kien qiegħed igawdi mill-ħelsien mill-arrest mogħti lilu fit-28 ta' Awissu 2019 fi proċeduri fejn l-istess rikorrent kien qiegħed jiġi akkużat b'serq aggravat bi vjolenza minn ġewwa ħanut tad-deheb, allegatament kommess f'Ottubru 2017.

16. Jirriżulta illi, hekk kif il-każ tar-rikorrent kien skedat sabiex jinbeda quddiem il-Qorti Kriminali, fit-18 ta' Mejju 2022, l-istess rikorrenti qajjem varji eċċezzjonijiet ta' natura preliminari illi kellhom jiġu kkunsidrat qabel ma jinbeda l-ġuri nniffsu.

17. Jirriżulta illi, permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2022, l-eċċezzjonijiet preliminari kollha miċħuda filwaqt illi l-każ ġie differit "*sine die*" sakemm il-perjodu tal-appell minn tali digriet jiskadi jew tiġi deċiża fi stadju tal-appell. (fol 169 sa 198)

18. Jirriżulta illi r-rikorrent ipproċeda biex appella mid-deċiżjoni tat-18 ta' Ottubru 2022, u fis-26 ta' April 2023, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell kollu tar-rikorrenti, kkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Ottubru 2022 u bagħtet l-atti għand il-Qorti Kriminali sabiex jinbeda l-ġuri kontra r-rikorrent. (fol 199 sa 209)

19. Jirriżulta illi fit-28 ta' April 2023, il-każ kontra r-rikorrent ġie skedat sabiex jinbeda fid-29 ta' Mejju 2023. (fol 210)

20. Jirriżulta illi fit-8 ta' Mejju 2023, il-konsulenti legali tar-rikorrent, l-istess illi qed jippatroċinawh fil-proċeduri odjerni iżda li ma jidhirx li rtiraw mill-inkariku tagħhom f'tali proċeduri, għarrfu lill-Qorti illi "*they are no longer legally assisting the accused in these proceedings*". (fol 234)

21. Jirriżulta illi fis-16 ta' Mejju 2023, il-Qorti Kriminali ġiet rikjesta mill-konsulent legali l-ġdid tar-rikorrent, sabiex is-smiegħ tal-ġuri jiġi pospost sabiex jingħata żmien xieraq biex jipprepara l-każ għar-rikorrent. (fol 245)

22. Jirriżulta illi fit-18 ta' Mejju 2023, il-Qorti Kriminali laqgħet it-talba magħmula mill-konsulent legali tar-rikorrent.

23. Jirriżulta illi issa l-ġuri huwa appuntat għas-smigħ għad-9 ta' Ottubru 2023.

## Meritu tal-każ

24. Jirriżulta li, permezz tal-proċeduri odjerni, r-rikorrent qiegħed jikkontendi illi d-dritt tiegħu mill-Ħelsien tal-Arrest, kif garantit fl-Artikolu 34 tal-Kostutituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, qed jiġu lilu leżi meta qiegħed jiġi lilu miċħud, b'mod ripetut, id-dritt li jingħata tali ħelsien mill-arrest, liema ċaħda, huwa jikkontendi, saret in vista tal-biża' tal-ħarba espressa mill-Qorti, liema biża' setgħet tiġi indirizzata mill-Qorti kieku kien hemm implimentata sistema ta' electronic tagging, liema nuqqas, skond ir-rikorrent, wassal sabiex il-Qorti ma akkordatx tali ħelsien mill-arrest peress illi ma setgħetx timponi l-użu tal-electronic tagging flimkien mal-ħelsien mill-arrest.

25. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ilment tar-rikorrent tista' tinqasam f'żewġ argumentazzjonijiet:

    a. Li l-fatt li ma ngħatax il-ħelsien mill-arrest huwa leżiv għall-jedd għall-liberta' personali tiegħu;

    b. Li n-nuqqas ta' sistema ta' electronic tagging hija leżiva għall-jedd għall-liberta tiegħu.

26. Jirriżulta, mill-banda l-oħra illi fid-difiża tagħhom, l-intimati, preċiżament l-Avukat Ġenerali, qajmu eċċezzjoni preliminjari fis-sens illi l-Avukat Ġenerali ma kienx il-leġittimu kontradittur abbażi tal-Artikolu 181B tal-Kap 12.

27. Jirriżulta wkoll illi, dwar il-meritu, l-intimati qajmu difiża ewlenija fis-sens illi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, kemm għax "*electronic monitoring ma hijiex panacea li ssolvi kollox*" kif ukoll illi għax il-Qorti Kriminali, meta ċaħdet it-talbiet għall-ħelsien mill-arrest, ma kisret ebda jedd fundamentali tar-rikorrent.

## Eċċezzjoni preliminari

28. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu illi l-Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, stante illi, a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, huwa l-Avukat tal-Istat biss illi għandu r-rappreżentanza ġudizzjarja residwali tal-Gvern.

29. Dwar tali eċċezzjoni, il-Qorti tosserva illi, fuq bażi prettament akkademika, l-argument tal-Avukat Ġenerali, fejn talbet illi ma tiġix kkunsidrat ulterjorment fil-proċeduri odjerni, hija waħda li jista' jkollha bażi x'tikkunsidra.

30. Madanakollu, dina l-Qorti trid tinterpreta l-Liġi fl-ispirtu illi huma jkunu redatti u leġislati sabiex jiġi assikurat li tali difiżi ma jkunux abbużati.

31. Illi huwa ċar li l-Artikolu 181B ġie promulgat sabiex jiġi evitat illi persuni, illi ma għandhom ebda konnessjoni ma' proċeduri pendenti quddiem Qorti, ma jiġux imħarrka inutilment, u di fatti l-leġislazzjoni tindika illi każ irid jiġi indirizzat jew kontra Kap ta' Dipartiment jew, jekk mhux identifikabbli, lill-Avukat tal-Istat, li allura jidher għan-nom tal-Gvern.

32. Dina kienet ċarament intiża sabiex jiġi assikurat illi jidhru fil-każ BISS dawk il-persuni illi huma ta' rilevanza għall-proċeduri, u mhux persuni oħra li, għajr għall-posizzjoni politika u/jew amministrattiva tagħhom, ma għandhom assolutament ebda konnessjoni mal-att jew omissjoni illi qed tiġi attakkata.

33. Fil-każ odjern, għalkemm huwa minnu illi l-Avukat Ġenerali ma għadux aktar r-rappreżentant aħħari tal-Gvern, wara l-qasma dettata minn tibdiliet leġislattivi li kkreaw l-Avukat tal-Istat u l-uffiċċju tiegħu, madanakollu, ma jista' jkun hemm ebda dubju illi, fil-każ odjern, l-Avukat Ġenerali huwa involut direttament fil-proċeduri li dwarhom qiegħed jilmenta r-rikorrent.

34. Di fatti, jidher ċar illi l-punt tat-tluq tal-ilment tar-rikorrent hija proprju l-fatt illi huwa, ripetutament, kien qiegħed miċħud li jingħata il-Ħelsien mill-Arrest, liema ċaħda kienet anke dettata mill-oġġezzjoni ripetuta tal-Avukat Ġenerali fis-sottomissjonijiet tagħha.

35. Jidher, għalhekk, illi filwaqt li, dejjem fuq bażi akkademika, l-Avukat Ġenerali tista' tgħid illi hija ma għandhiex tkompli fil-każ odjern, huwa ċar illi, fil-prattika, l-involviment tal-Avukat Ġenerali fil-proċeduri kriminali huwa ferm aktar diretti u reali minn dawk tal-Avukat tal-Istat, fejn saħansitra hemm il-possibbilta', regolarment adoperata mill-Avukat Ġenerali f'proċeduri oħra, illi tirrifjuta li tgħaddi informazzjoni u dokumentazzjoni lill-Avukat tal-Istat dwar il-każ illi hija tkun qiegħda tmexxi.

36. Għalhekk, huwa ċar li, fil-każ odjern, l-involviment tal-Avukat Ġenerali fil-proċess odjern huwa wieħed meħtieġ u rikjest, kemm biex jiġu evitati stanzi fejn dokumentazzjoni ma tingħaddhiex lill-Avukat tal-Istat, kif ukoll għax l-Avukat Ġenerali hija ser tkun direttament involuta u milquta minn kwalsiasi deċiżjoni illi taf tagħti din il-Qorti, partikolarment dawk relatati mal-Ħelsien mill-Arrest tar-rikorrent.

37. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali ma' timmeritax illi tiġi kkunsidrata favorevolment.

## Il-meritu

38. Jirriżulta illi r-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt illi kien żbaljat illi huwa ma ngħatax il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali permezz ta' digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2022 (fol 128), liema digriet ġie minnha ri-konfermat b'digriet ieħor tat-18 ta' Ottubru 2022 (fol 168) wara talba oħra għall-ħelsien mill-arrest.

39. Jirriżulta illi r-rikorrent jargumenta li, peress illi ma jeżistix il-mekkaniżmu tal-'*electronic tagging*', huwa għalhekk kien qiegħed jiġi mċaħħad milli possibbilta' illi jingħata l-ħelsien tal-arrest, peress illi, skond ir-rikorrent, f'każ illi kien jeżisti l-"*electronic tagging*", huwa kien probabbilment jingħata id-dritt tal-ħelsien tal-arrest.

40. In sostenn ta' tali argumentazzjoni, l-abbli difensuri tar-rikorrenti jipproduċu sensiela ta' rapporti ta' diversi organiżazzjonijiet fejn lkoll iħeġġu l-implimentazzjoni w użu aktar ta' spiss ta' sistema ta' '*electronic tagging*' u saħansitra jikkwotaw diskors ta' ex

Membru tal-Parlament fejn, biex jiġġustifika l-ħtieġa ta' l-introduzzjoni ta' sistema ta' '*electronic tagging*' qal li "*sfortunatament, il-Qrati tagħna qed jagħmlu żball u qed japplikaw l-Artikolu 575 għar-reati kollha! Dan huwa żball ...*"

41. Il-Qorti hawnhekk tibda billi tosserva illi r-rikorrent donnu qiegħed jinsa n-natura w il-gravita' ta' l-akkużi illi bihom huwa qiegħed jiġi akkużat fil-każ odjern – il-qtil bl-aktar mod kiesaħ u biered ta' żewġ persuni ġewwa r-residenza waqt serqa.

42. Il-Qorti tosserva wkoll illi, aktar minn hekk, ir-rikorrent donnu qed jinsa wkoll illi tali qtil, jekk minnu kommess, seħħ waqt illi huwa kien qed igawdi mill-liberta' provizzorja mogħtija lilu fl-ambitu ta' akkużi kriminali oħra illi kienu qed jinġiebu kontra tiegħu, din id-darba dwar serqa bi vjolenza ġewwa ħanut tad-deheb li seħħ ftit snin qabel.

43. Dwar "*electronic tagging*", filwaqt illi l-Qorti tqis illi l-introduzzjoni ta' tali għodda ċertament taf tkun ta' inċentiv sabiex persuni li qegħdin ġewwa l-ħabs għar-reati ta' ċerta portata jingħataw il-possibbilta' li jirrintegraw fis-soċjeta' sabiex ir-riabilitazzjoni tagħhom sseħħ effettivament, liema possibbilta' madanakollu, il-Qorti tosserva illi ġia teżisti bis-sistema tal-'Parole', fil-każ tar-rikorrent, illi qiegħed jinfaċċja mhux akkuża waħda, iżda tnejn, kommessi fuq medda ta' tlett snin, liema reati kienu ta' natura gravi stante illi kommessi bi vjolenza, fejn saħansitra fit-tieni każ, inqatlu żewġ persuni kiesaħ u biered ġewwa r-residenza privata tagħhom, ċertament il-gravita' ta' l-akkużi w ċirkostanzi oħra kienu tali li l-eżistenza ta' tali sistema ta' '*electronic tagging*' kien ikun superfluwi fil-konsiderazzjoni ta' kwalsiasi Qorti fl-għoti tal-Ħelsien mill-Arrest.

44. Hawnhekk, il-Qorti tqis illi għandha tagħmel tagħha referenza għal dak illi osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża '***Alfred Degiorgio et vs L-Avukat tal-Istat***' fejn dwar l-eżistenza o meno ta' sistema ta' '*electronic tagging*', kellha dan xi tgħid:

> *"22. Il-kwistjoni dwar il-possibiltà li jsir electronic tagging tal-appellanti f'dan l-istadju hi irrilevanti, għaliex s'issa għad m'hemmx il-kundizzjonijiet sabiex l-appellanti jingħataw il-ħelsien mill-arrest. L-electronic tagging iservi sabiex l-iktar jiġi żgurat li l-akkużat jattendi għas-seduti. Mill-aħħar digrieti li ngħataw mill-Qorti Kriminali u li bihom ġew miċħuda t-talbiet għall-ħelsien mill-arrest, ma jidhirx li l-biża' hi l-appellanti jaħarbu minn Malta iżda pjuttost li l-appellanti jfixklu l-andament tal-investigazzjoni li għadha għaddejja. Aġir li jista' jseħħ irrispettivament jekk l-akkużat ikunx liebes electronic tagging."*

45. Fil-każ odjern, il-biża' illi r-rikorrent jaħrab mill-pajjiż hija waħda reali, u minkejja kwalsiasi garanzija illi ġew, b'xi mod, minnu ppreżentati u maħduma bit-tama illi huwa jinħareġ mill-ħabs, l-aħjar mod kif wieħed jista' jassikura illi r-rikorrent ma jaħrabx minn Malta u, għalhekk, jaħrab mill-proċess kriminali li qed takkużah bi qtil ta' żewġ persuni ġewwa r-residenza tagħhom, hija illi huwa jinżamm ġewwa l-Ħabs sakemm jiġi ġudikat.

46. Il-Qorti tasal biex tikkonkludi wkoll, illi ebda garanzija u/jew kundizzjoni imposta fuq ir-rikorrent, inkluż '*electronic tagging*' kieku kienet possibbli, ma kienet ser twaqqaf lir-rikorrent, illi ma jidhirx illi għandu rabtiet familjari ġewwa Malta, milli jaħrab mill-Gżejjer ta' Malta, u dana peress illi huwa fatt ben risaput li huwa ferm faċili li wieħed jaħrab minn Malta bil-baħar, kkunsidrat il-viċinanza tagħna ma' Sqallija u l-eżistenza

ta’ opri tal-baħar li jistgħu, b’veloċita’ konsiderevoli u għalhekk fi ftit ħin, faċilment jaqsmu għal Sqallija mingħajr ma jkunu interċettati b’ebda mod.

47. Għaldaqstant, din il-Qorti tosserva illi l-eżistenza o meno ta’ sistema ta’ “*electronic tagging*” ma tistax titqies bħala li, b’xi mod, naqset lir-rikorrent il-possibbilta’ li jingħata il-Ħelsien mill-Arrest.

48. Hawnhekk huwa rilevanti wkoll li jingħad illi s-smigħ tal-proċeduri kriminali kienu skedati illi jinbdew fit-18 ta’ Mejju 2022 iżda ma nbdewz minħabba f’eċċezzjonijiet preliminari minnu mressqa u lkoll miċħuda fit-18 ta’ Ottubru 2022. Il-kawża odjerna ġiet ippreżentata fl-10 ta’ Jannar 2023, wara li r-rikorrent appella mid-deċiżjoni tat-18 ta’ Ottubru 2022, liema deċiżjoni eventwalment ġiet konfermata fi stadju tal-Appell waqt il-mori tal-kawża.

49. Huwa rilevanti wkoll illi l-proċeduri kriminali kellhom jinbdew mill-ġdid fid-29 ta’ Mejju 2023 iżda ġew posposti wara illi l-konsulenti legali tar-rikorrenti irrinunzjaw l-inkariku tagħhom u issa l-ġuri huwa skedat għad-9 ta’ Ottubru 2023, salv xi imprevist ġdid.

50. Dwar id-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fl-14 ta’ Ġunju 2022 u kkonfermat minnha stess fit-18 ta’ Ottubru 2022, ħarsa lejn ir-raġunament magħmul min tali Qorti w ir-referenza kostanti għal varji deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, twassal lil dina l-Qorti sabiex tqis illi bl-ebda mod ma seta’ qatt ġie leż, lir-rikorrent, id-dritt tiegħu għall-Ħelsien mill-Arrest, stante illi huwa ċar illi, kif issottometta l-abbli Avukat tal-Istat fis-sottomissjonijiet tiegħu:

> “ ... *il-Qorti Kriminali ġustament ikkonkludiet li hemm biża’ kbira u raġjonevoli li r-rikorrent jaħrab; l-akkużi miżjuba kontrih huma serji ħafna u jġorru l-piena ta’ għomor l-ħabs, ir-rabtiet ma’ Malta tar-rikorrenti ma humiex daqstant b’saħħithom u l-karattru u l-anteċedenti tar-rikorrent jimmlitaw kontrih.*”

51. Għalhekk, mill-assjem tal-fatti kif mressqa quddiem dina l-Qorti w is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet, il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi r-rikorrent ma sofra u qiegħed isofri minn ebda leżjoni tad-dritt tiegħu kif sanċit fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat ir-rikors tar-rikorrent w ir-risposta tal-intimati;

Wara illi rat il-provi prodotti u rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjoni preliminari ta’ l-Avukat Ġenerali illi ma hijiex il-leġittimu kontradittur;

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha ta' l-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Ġenerali fuq il-meritu, u għalhekk:

**Tiċħad** iż-żewġ talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu lkoll a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**